**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2025**

**Talba Nru: 168/2022MD**

**Ray Cop Enterprises Limited (C 11503)**

**Vs**

**Holistic Technologies Ltd (C 16921) u**

**Smart Technologies Software Ltd (C 30601)**

**jew min minnhom**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-2 ta' Ġunju, 2022[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom jirrifondu l-ammont ta' elf, wieħed u disgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50) rappreżentanti depositu mħallas mill-istess soċjeta' attriċi għal servizzi li kellhom jiġu reżi da parti tas-soċjetajiet konvenuti u li ġie dikjarat li ma kienux f'posizzjoni li jagħtu dak l-istess servizz li oriġinarjament ġie kkuntratt li jiġi mrendi; bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 2690/2021 u tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali ċitata sad-data tal-pagament effettiv.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess

Ra r-risposta waħdanija tas-soċjetajiet konvenuti ppreżentata fit-30 ta' Ġunju, 2022[2] fejn eċċepew:

*1. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq il-mertu, huwa sottomess li l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) ta' Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi bla preġudizzju għas-sueċċepit, huwa sottomess li l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu li s-soċjetajiet konvenuti naqsu milli jipprovdu servizzi li kkuntrattaw li jrendu;*

*3. Illi bla preġudizzju għas-sueċċepit jingħad illi kienet is-soċjeta' attriċi li għal snin sħaħ naqset milli tipprovdi informazzjoni mitluba minnha fl-2015!*

*4. Illi għalhekk, l-ebda ammont ma għandu jiġi rifuż lis-soċjeta' attriċi.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-affidavits esebiti.

Ra d-dokumenti li esebiti.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' attriċi titlob li s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom jirrifondu lura s-somma ta' elf, wieħed u disgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50) rappreżentanti depositu mħallas mill-istess soċjeta' attriċi għal servizzi li kellhom jiġu reżi da parti tagħhom u li ġie dikjarat li ma kienux f'posizzjoni li jagħtu dak l-istess servizz li oriġinarjament ġie kkuntratt li jiġi mrendi.

**Kunsiderazzjonijiet**

Sema lil **Dario Chircop**[3] fil-kariga tiegħu ta' *Managing Director* tas-soċjeta' attriċi. Spjega li kien ġie f'kuntatt ma Holistic Technologies Limited, meta f'Settembru tas-sena 2015 ġie mitkellem minn ċertu Ramon Curmi sabiex jagħmlu *website* għas-soċjeta' attriċi. Curmi kien għamel *proposal*, min-naħa tas-soċjeta' attriċi ġiet aċċettata u ngħata id-depożitu, u dan

[2] *A fol* 4 *et seq* tal-proċess
[3] *A fol* 17 *et seq* tal-proċess, xhieda datata fil-5 ta' Ottubru 2023

f'Ottubru tas-sena 2015, fejn ppreżenta l-*invoice* bin-numru 150506[4] fuq l-isem ta' Holistic Research and Development Limited bin-numru tal-VAT 16571125, fejn spjega wkoll li jidher li l-istess numru tal-VAT, issa tużah Smart Technlogies Limited. Is-soċjeta' attriċi kienet ħallset d-depositu ta' ħamsin fil-mija (50%) bil-quddiem li jammontaw għas-somma ta' elf, wieħed u disgħin Ewro u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50), li tħallsu permezz ta' żewġ ċekkijiet, wieħed fl-ammont ta' mija u tmienja u ħamsin ewro (€185) datat 30 ta' Settembru, 2015[5] u l-ieħor fl-ammont ta' disa mija, sitt ewro u ħamsin ċenteżimu (€906.50) datat 2 ta' Diċembru, 2015[6]. Fir-rigward tax-xogħol spjega li min-naħa tas-soċjeta' attriċi kienu ħasbu li ser isir ħafna xogħol min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti, iżda kellha tagħmel ħafna xogħol hi. Spjega li s-soċjeta' attriċi damet biex ħadet ir-ritratti għaliex għandha iktar minn elfejn u ħames mitt prodott u beda jsir ix-xogħol bil-mod. Il-prodotti kienu jinbiegħu fis-*supermarkets*, bħal xemgħat, *aluminium*, prodotti tal-ikel, u biex jinġabru r-ritratti bdew idumu minħabba li kien hemm *set back* mhux fil-kontroll tas-soċjeta' attriċi. Bħala eżempju ta li kien hemm *ranges* li nbiddlu mis-*suppliers* u għalhekk ir-ritratti ma baqgħux tajbin. Kien ukoll *set backs* min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti għax kienu inbidlu xi impjegati, COVID u għalhekk kien hemm id-dewmin. Qal li sa Settembru 2021, il-partijiet kienu għadhom għaddejjin bil-laqgħat. Meta kienu jiltaqgħu l-partijiet min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti kien jattendi d-Direttur Evan Camilleri filwaqt li min-naħa tas-soċjeta' attriċi kienet tattendi it-tifla tiegħu Lee Ann Chircop. Il-laqgħat kienu qed isiru sabiex issir *revamp* ta' affarijiet tekniċi, u fit-18 ta' Novembru, 2021 is-soċjeta attriċi kienet irċieviet *email* mingħand Evan Camilleri fejn ġiet informata li kellu inċident u ma setgħax ikompli, fejn hija staqsiet jekk hemmx xi ħadd ieħor minfloku, iżda baqgħu ma rċivew l-ebda risposta. Wara ammont ta' żmien Evan Camilleri bagħat *email* oħra fejn informa lis-soċjeta' attriċi li wara l-inċident ma kellux ċans u ma kienux ser ikomplu bil-proġett, fejn ippreżenta sett ta' *emails*.[7] Is-soċjeta' attriċi baqgħet tikkuntattjah sabiex jirrifondi lura l-flus imħallsin, iżda t-talba ġiet injorata u għalhekk ppreżentat ittra uffiċjali 166A fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti.

In kontro-eżami[8] kkonferma li r-relazzjoni tas-soċjeta' attriċi mas-soċjetajiet konvenuti bdiet bejn Settembru u Ottubru tas-sena 2015. Ikkonferma li kien hemm dewmin min-naħa tas-soċjeta' attriċi iżda kien hemm anke dewmien min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti. Spjega li fis-sena 2018 kienu għaddejjin bil-proġett, fis-sena 2020 kien hemm il-COVID, fis-sena 2021 saret laqgħa biex jitkompla x-xogħol, imbagħad ġew informati li ma setgħux ikomplu bix-xogħlijiet. Fuq domanda jekk is-soċjeta' attriċi pprovdietx l-informazzjoni kollha matul dawn is-snin, spjega li meta ġew ikkuntattjati mis-soċjeta' konvenuta Holistic qalulhom li ser jagħmlu kollox huma, imbagħad spiċċaw kellha tagħmel kollox hi. Kien hemm *misunderstanding*. Is-soċjeta' attriċi aċċettat li tagħmel kollox hi, imbagħad is-soċjetajiet konvenuti kellhom jibgħatu *template* biex is-soċjeta' attriċi ttella' r-ritratti imma riedet tagħmel kollox hi. F'Settembru tas-sena 2021 kienet saret laqgħa u fl-aħħar ta' Settembru, is-soċjetajiet konvenuti kienu ddeċiedew li jieqfu mix-xogħol. Is-soċjeta' attriċi pruvat tikkuntattjahom iżda ġew injorati u għalhekk qed jitolbu d-depożitu li taw fis-sena 2015. Minn mindu waqaf ix-xogħol kull m'għaddew tlett xhur.

---

4 A fol 29 tal-proċess
5 A fol 30 tal-proċess
6 A fol 31 tal-proċess
7 A fol 32 et seq tal-proċess
8 A fol 49 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 14 ta' Marzu 2024

Sema lil **Lee Ann Chircop**[9] bħala impjegata li tagħmel xogħol klerikali u ta' *accounts* mas-soċjeta' attriċi. Spjegat li fir-rigward tal-kawża odjerna, hi kienet qed tkompli x-xogħol li kien għaddej li kien jikkonsisti *f'uploading* ta' informazzjoni u tiġbor ir-ritratti kollha, kif ukoll l-informazzjoni li kien hemm bżonn għal *website*, u kienet f'kuntatt mas-soċjetajiet konvenuti. Fil-bidu kienet qed tipprova titkellem ma impjegata li kienu jaħdmu magħha iżda ma baqgħetx taħdem hemm u għaddewha ma Evan Camilleri. Kien ikkuntattjaha f'nofs Awissu tas-sena 2021 u kien qalilha sabiex jagħmlu laqgħa imma iżjed tard minħabba li f'dawk iż-żminijiet ma jkunx ix-xogħol. Għal bidu ta' Settembru 2021 kienu għamlu l-laqgħa, tkellmu, deher interessat u qalilha li kienu ser jirranġaw, jagħmlu *template* mil-ġdid u jerġgħu ikelmuha lura. F'nofs Settembru bagħtet *email* tistaqsi fiex waslu u ma rrispondewhiex, u reġgħet bagħtet *email* oħra f'nofs Ottubru. Kien irrispondiha Evan Camilleri u qalilha li kellu inċident u ma kienx qiegħed l-uffiċju, fejn staqsietu jekk setgħetx tkellem lil xi ħadd ieħor iżda ma kienx irrispondiha. F'nofs Novembru kienet pruvat iċċempel, ma qabadha ħadd u marret l-uffiċċju u l-iskrivana kienet qaltilha li Evan Camilleri ma kienx qiegħed hemm dak il-ħin u ħallietlu messaġġ biex jikkuntattjaha lura. Bagħtilha risposa permezz ta' *email* fejn qalilha li "*I acknowledge li inti gejt tarani l-uffiċju, bħalissa għandi ħafna back log ta' ħafna ħafna xogħol, u mhux ħa nkompli fuq dan il-proġett*".

Kompliet tispjega li x-xogħol fuq il-*website* sa fejn taf hija kienet li s-soċjeta' attriċi ttihom l-informazzjoni kollha u l-kumplament jieħdu ħsiebha huma u cioe' jagħmlu *filtering* tal-informazzjoni, il-*layout* u jissetjaw kollox inkluż it-*template*. Pero' kif taf hi, dan ma kienx il-każ għaliex tawhom *template* u l-kumplament kien f'idejn is-soċjeta' attriċi. Il-persuna li kienet taħdem qabilha kienet ħadet ix-xogħol u hi kompliet fuq l-istess xogħol, ma tantx rat involviment min-naħa tagħhom għax fil-verita' disgħin fil-mija (90%) tax-xogħol kellu jsir min-naħa tas-soċjeta' attriċi. Meta s-soċjeta' attriċi staqsiet biex issir *update* tat-*template* qalulhom li ser jibgħatulhom kollox iżda ma semgħu xejn mingħandhom. Ikkonfermat li l-*emails* esebieti minn Dario Chircop bagħtithom hija.

In kontro-eżami[10], ikkonfermat li l-involviment tagħha beda għal-ħabta ta' Awissu 2021, iżda qabel kienu jikkuntattjaw lil Nicole Chircop.

Ra l-affidavit ta' **Evan Camilleri**[11] fil-kariga ta' Direttur tas-soċjetajiet Technologies Software Limited u Holisitic Technologies Limited li permezz tiegħu ddikjara li hu nfurmat li permezz ta' din il-kawża Raycop Enterprises Limited qegħdin jallegaw illi Smart Technologies Software Limited u Holistic Technologies Ltd ma kienux provdew is-servizzi tagħhom u li għalhekk is-soċjeta' Raycop Enterprises Limited qiegħda titlob rifużjoni tad-depożitu ammontanti għal elf, u wieħed u disgħin elf, u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50). Spjega li s-soċjeta' Holistic Research and Development Limited (li aktar tard biddlet isimha ghal Smart Technologies Software Limited) irċeviet l-ammont ta' mija u ħamsa u tmenin Ewro (€185) fis-6 ta' Ottubru 2015 u l-ammont ta' disa' mija u sitt Ewro u ħamsin ċenteżimu (€906.50) fit-3 ta' Diċembru 2015. Ikkonferma li dawn il-pagamenti kienu saru għaliex is-soċjeta' attriċi kienet inkarigat lil Smart Technologies Software Limited (dak iż-żmien magħrufa bhala Holistic Research and Development Limited) sabiex tiżviluppa sistema għall-istess soċjeta' attriċi u effettivament ħolqot sit elettroniku għal din is-soċjeta. Qal li s-soċjeta' konvenuta Holistic Technologies

[9] *A fol* 23 *et seq* tal-proċess, xhieda datata 5 ta' Ottubru, 2023
[10] A fol 28 tal-proċess
[11] A fol 66 et seq tal-proċess

Limited qatt ma kellha x'taqsam ma' din il-kwistjoni, u li kienet biss Holistic Research and Development Limited, liema soċjeta' biddlet isimha għal Smart Technologies Software Limited, li kienet provdiet servizzi u li kienet involuta f'dan il-każ. Min-naħa ta' Smart Technologies Software Limited, is-sistema kienet ġiet *delivered* lil Raycop Enterprises Limited fis-sena 2016. Annetta wkoll żewġ *emails* da parti tal-*web hosting providers* tagħhom[12] li jikkonfermaw li huma kienu qed jagħmlu *hosting* tas-sit elettroniku tas-soċjeta' attriċi u li tali sit kien qed jiġi *upgraded* għal verżjoni aktar ġdida. Sussegwentement kienu talbu lis-soċjeta' attriċi għal diversi drabi sabiex jipprovdu l-kontenut meħtieġ għas-sit elettroniku tagħhom. Ġara pero' li l-kommunikazzjonijiet li bgħatu lis-soċjeta' attriċi kienu ġew injorati u laħaq għadda ħafna żmien. Fil-fatt ma kienu semgħu xejn għal diversi snin. Kien sar biss ħlas tad-depożitu li kien meħtieġ illi jingħata mis-soċjeta' attriċi, u li s-soċjeta' konveuta Smart Technologies Software Limited ma kienet ħarġet l-ebda fatturi għar-rimanenti ammont ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-pagament meħtieġ għas-sistema, għalkemm dan il-proġett sar kollu u konna qed nistennew biss mis-soċjeta' attriċi biex idaħħal l-informazzjoni meħtieġa fis-sit. Dan kien il-każ proprju għaliex min-naħa tagħhom kienu żviluppaw is-sistema neċessarja għas-sit elettroniku li xtaqet is-soċjeta' attriċi, u effettivament ħolqu wkoll dan is-sit elettroniku. Minħabba li baqgħu ma semgħu xejn għal diversi snin fir-rigward tal-informazzjoni li kienu talbu mingħand is-soċjeta' attriċi, is-sit ma setax imur *live* minkejja li kien kompletat. Dan ġara biss għaliex is-soċjeta' attriċi baqgħet ma daħlitx il-kontenut li kien neċessarju għal dan is-sit u għall-ebda raġuni oħra. Kompla jgħid li għaldaqstant, ma huwiex il-każ illi s-soċjeta' konvenuta Smart Technologies Software Limited irċeviet flejjes għal servizzi li ma tatx jew għal xogħol li hija m'għamlitx. Il-pagament li kien sarilha kien biss għad-depożitu li kien meħtieġ li jsir mis-soċjeta' attriċi, u dan jirrifletti parti mix-xogħol li kien effettivament sar a favur tal-istess soċjeta' attriċi. Huwa għalhekk li s-soċjetajiet konvenuti Smart Technologies Software Limited u Holistic Technologies Ltd qed jikkontestaw it-talba tas-soċjeta' attriċi, għaliex fil-fehma tagħhom, l-ebda rifużjoni tad-depożitu ma hija dovuta lilha, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li s-soċjeta' konvenuta Holistic Technologies Ltd lanqas biss kienet involuta f'din il-kwistjoni u li s-soċjeta' Smart Technologies Software Limited ma tħallsitx aktar milli jmissha, u tħallset biss għall-parti mix-xogħol li effettivament sar. Kompla jispjega li kien biss fis-sena 2018 li s-soċjeta' attriċi kienu reġgħu kkuntattjawhom, u dan kif jidher ċar fl-*emails* annessi[13], minn liema *emails* jidher ċar illi minn Jannar tas-sena 2018, irċivew risposta biss fil-25 ta' Ġunju tas-sena 2018, u li fl-istess *email* is-sur Dario Chircop jammetti illi kien qed iwieġeb tardivament. Kien imbagħad f'Awwissu tas-sena 2021, li s-soċjeta' attriċi kienu nfurmawhom illi xtaqu xi modifiki fis-sit elettroniku li kienu żviluppaw huma. Madanakollu, kienu nfurmawhom li ma setgħux ikomplu joffru sapport għal dan il-proġett, u dan għaliex kienu għaddew 'il fuq minn ħames (5) snin minn meta ġiet żviluppata s-sistema. Kemm minħabba li kienet inbidlet it-teknoloġija u kif ukoll minħabba li għadda ħafna żmien, kieku komplew joffru sapport għall-proġett, is-sistema kien ikollha tiġi żviluppata mill-bidu. Kompla jgħid li huwa minnu li kellu aċċident f'Ottubru tas-sena 2021 u li għamel żmien jirkupra minnu. Pero', din ma kinitx ir-raġuni prinċipali għalfejn iddeċidew li ma setgħux ikomplu bil-bqija tal-proġett, għaliex kif semma, kien għadda wisq żmien minn meta kienu żviluppaw s-sistema għall-klijent sabiex jagħmlu l-aġġornamenti li kienu talbuhom. Reġa qal li is-soċjeta' konvenuta Smart Technologies Software Limited tħallset biss għax-xogħol li effettivament sar min-naħa tagħha u ma kien hemm l-ebda pagament li ma kienx ġustifikat. Qal li peress li s-soċjeta' attriċi ħallset biss id-depożitu li kien dovut lis-soċjeta' konvenuta Smart Technologies Software Limited, hija

[12] A fol 69 et seq tal-proċess
[13] A fol 71 et seq tal-proċess

ħallset anqas milli kellha oriġinarjament tħallas, għaliex is-servizz kien sar kompletament. Għalhekk huwa ċar li t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ammont ta' elf, wieħed u disgħin Ewro u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50) ma hijiex ġustifikata u m'għandhiex tintlaqa'. Finalment qal li *f'posts* li kien għamel is-sur Dario Chircop fuq *Facebook* u *Google*[14], qiegħed jammetti li kien hemm dewmien min-naħa tiegħu. Ippreċiża li min-naħa ta' Smart Technologies Software Limited u/jew Holistic Technologies Ltd qatt ma kien hemm li kien hemm xi dewmien, u li anzi kollox juri li kwalunkwe dewmien li kien hemm fl-eżekuzzjoni tal-proġett kien biss ħtija tas-soċjeta' attriċi.

**Kunsiderazzjonijiet**

Ra li l-eċċezzjoni preliminari mressqa mis-soċjetajiet konvenuti u ċioe' li l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma preskritti *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet deċiża minn dan it-Tribunal fid-9 ta' Mejju, 2024, fejn ċaħad din l-eċċezzjoni u ordna l-prosegwiment tal-kawża.

Illi għalhekk it-Tribunal ser jitratta l-eċċezzjonijiet rimanenti.

Ra li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2024[15], is-soċjeta' attriċi ddikjarat li l-provi dwar il-mertu tal-kawża odjerna huma l-istess provi li tressqu fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari.

Is-soċjeta' attriċi tikkontendi illi hija ġiet avviċinata minn ċertu Ramon Curmi f'Settembru tas-sena 2015 sabiex tagħmel *website*. Ħallset id-depożitu ta' 50% bil-quddiem li jammontaw għas-somma ta' €1,091.50 liema *invoice* ħarġet mis-soċjeta' Holistic Research and Development Limited. Min-naħa tagħha ħasbet li s-soċjetajiet konvenuti kienu ser jagħnmlu ħafna xogħol huma imbagħad indunat li kellha tagħmel ħafna xogħol hi u b'hekk damet biex tieħu r-ritratti minħabba li għandha 'l fuq minn elfejn u ħames mitt (2,500) *item* u beda jsir ix-xogħol bil-mod. *Oltre* hekk, kien hemm problemi mhux fil-kontroll tagħha fejn ir-*ranges* inbidlu totalment mis-*suppliers* u kellha tneħħi r-ritratti u tibda mill-ġdid. Kien hemm s*et backs* ukoll min-naħa ta' soċjetajiet konvenuti. Madanakollu sa Settembru 2021 kienu għadhom għaddejjin bil-laqgħat mad-Direttur Ivan Camilleri, liema laqgħat kienu biex jagħmlu *revamp* ta' affarijiet tekniċi u ġurnata fost l-oħrajn Camilleri informa li kellu aċċident u ma setgħax ikompli. Min-naħa tagħha baqgħet tipprova tikkuntattjah, u fit-18 ta' Novembru, 2021, Camilleri bagħat *email* u qalilha li ma kellux ċans ikompli bil-proġett.

Is-soċjetajiet konvenuti jikkontendu li s-soċjeta' attriċi ikkuntrattat ma Holistic Research li bidlet isimha għal Smart Technologies Software Limited u li s-soċjeta' konvenuta Holistic Technologies Limited qatt ma għamlet l-ebda ftehim mas-soċjeta' attriċi u għalhekk m'għandhiex x'taqsam mal-kawża odjerna. Is-soċjeta' konvenuta Smart Technologies Software Limited bagħtet is-sistema lis-soċjeta' attriċi fis-sena 2016. Min-naħa tagħha kienet qed tagħmel il-*hosting* tas-sit elettroniku tas-soċjeta' attriċi u tali sit kien qed jiġi *upgraded* għal verżjoni aktar ġdida fejn sussegwentement kienet talbet lis-soċjeta' attriċi diversi drabi sabiex tipprovdi l-kontenut meħtieġ għas-sit elettroniku, liema kommunikazzjonijiet ġew

[14] A fol 74 tal-proċess
[15] A fol 63 tal-proċess

injorati u laħaq għadda ħafna żmien. Min-naħa tas-soċjeta' konvenuta Smart Technologies Software Limited ma ħarġet l-ebda fattura għal-bilanċ rimanenti għalkemm il-proġett kien sar kollu u kienet qed tistenna mingħand is-soċjeta' attriċi biex iddaħħal l-informazzjoni meħtieġa fis-sit. Min-naħa tas-soċjeta' konvenuta Smart Technologies Software Limited kienet żviluppat is-sistema neċessarja li xtaqet is-soċjeta' attriċi iżda billi baqgħet ma semgħet xejn għal diversi snin fir-rigward tal-informazzjoni mitluba is-sit ma setgħax imur *live* minkejja li kien kompletat. Għalhekk il-ħlas ta' depożitu li kien sar mis-soċjeta' attriċi jirrifletti parti mix-xogħol li kien effettivament sar.

Għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jagħmel kronoloġija tal-fatti:

- Holistic Research & Development Limited ħarġet *invoice* datata 6 ta' Ottubru, 2015 lis-soċjeta' attriċi fuq *website project* fis-somma ta' €1,091.50 bħala depożitu;

- Fit-30 ta' Settembru, 2015, is-soċjeta' attriċi ħarġet ċekk lil Holistic Research & Development Limited fis-somma ta' €185;

- Fit-30 ta' Settembru, 2015, is-soċjeta' attriċi ħarġet ċekk lil Holistic Research & Development Limited fis-somma ta' €906.50;

- Fl-1 ta' Diċembru, 2017 intbgħatet *email* lil Evan Camilleri fejn fiha hemm imsemmija l-*website* tas-soċjeta' attriċi;

- Fis-17 ta' Diċembru, 2017 intbgħatet *email* lil Evan Camilleri fejn fiha hemm imsemmija l-*website* tas-soċjeta' attriċi;

- *Email* datata 17 ta' Jannar, 2018 mibgħuta minn Evan Camilleri lil Dario Chircop fejn qallu li tkellem ma Rachelle u x'issuġġerriet, kif ukoll jgħidlu kif tista ssir il-*website*;

- *Email* datata 23 ta' Frar, 2018 mibgħuta minn Evan Camilleri lil Dario Chircop bil-kelma *reminder*;

- *Email* datata 25 ta' Ġunju, 2018 mibgħuta minn Dario Chircop lil Evan Camilleri fejn qed jiskuża ruħu tad-dewmin u bagħtlu *file* kif mitlub;

- *Email* datata 9 ta' Lulju, 2018 mibgħuta minn Rachelle Agius lil Dario Chircop tgħidlu li għandha bżonn *folder* bl-immaġini;

- *Email* datata 9 ta' Lulju, 2018 mibgħuta minn Dario Chircop lil Rachelle Agius fejn bagħtilha *file* bi *dropbox*;

- *Email* datata 11 ta' Lulju, 2018 mibgħuta minn Rachelle Agius lil Dario Chircop fejn qed tistaqsih xi domandi;

- *Email* datata 20 ta' Lulju, 2018 mibgħuta minn Dario Chircop lil Rachelle Agius b'informazzjoni;

- *Email* datata 27 ta' Lulju, 2018 mibgħuta minn Rachelle Agius lil Dario Chircop bil-URL tal-*website*;

- *Email* datata 27 ta' Lulju, 2018 mibgħuta minn Dario Chircop lil Rachelle Agius b'informazzjoni biex tiġi inkluża fl-*item* '*About Us*';

- *Email* datata 30 ta' Lulju, 2018 mibgħuta minn Rachelle Agius lil Dario Chircop permezz ta' liema informatu li l-informazzjoni li ried ġiet miżjuda u risposti oħra;

- *Email* datata 3 ta' Awissu, 2018 mibgħuta minn Dario Chircop lil Rachelle Agius biex jiffissaw laqgħa, liema *email* ġiet risposta fil-21 ta' Awissu, 2018;

- *Email* datata 23 ta' Awissu, 2018 mibgħuta minn Rachelle Agius lil Dario Chircop bil-*username* u l-*password* tal-*backend* tas-sit;

- *Email* datata 11 ta' Awissu, 2021 mibgħuta minn Liane Chircop lil Rachelle Agius fejn qed tinformaha li l-maġġjoranza tal-immaġini tal-listi tal-prodotti huma lesti u li jridu jaraw *different layout websites*;

- *Email* datata 17 ta' Settembru, 2021 mibgħuta minn Liane Chircop lil Evan Camilleri fejn qed tgħidlu li wara d-diskussjoni li kellhom waqt il-laqgħa ġimgħatejn qabel, qed tistenna *feedback* mingħandu fir-rigward il-pass li jmiss sabiex jimmodifikaw il-*website*;

- *Email* datata 14 ta' Ottubru, 2021 mibgħuta minn Liane Chircop lil Evan Camilleri fejn qed tgħidlu li qed tistenna risposta wara l-*email* mibgħuta minnha datata 17 ta' Settembru, 2021, fejn irrispondiha permezz ta' *email* datata 14 ta' Ottubru, 2021 li kien involut f'aċċident ikrah u qed jirkupra u ser jikkuntattjaha;

- Email datata 18 ta' Novembru, 2021 mibgħuta minn Evan Camilleri lil Liane Chircop fejn qalilha li kien informat li marret l-uffiċċju, li għandu *backlog* minħabba l-aċċident li kellu u li f'dan l-istadju mhux ser ikomplu il-proġett.

Jirriżulta li għalkemm id-depożitu tħallas fis-sena 2015, il-komunikazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward tal-proġett bdiet fl-aħħar tas-sena 2017. Jirriżulta li f'Jannar tas-sena 2018, Camilleri bagħat lil Chircop għal xi nformazzjoni fejn wieġeb għal din il-kommunikazzjoni f'Ġunju tal-istess sena. L-affarijiet dwar il-*website* dehru li mexjin u dan għaliex mill-*emails* skambjati jirriżulta li ntbagħtet il-paġna tas-sit kif ukoll l-*username* u l-*password* tal-*backend* tas-sit lis-soċjeta' attriċi, iżda l-komunikazzjoni sussegwenti kompliet fis-sena 2021 fejn finalment Camilleri informa lil Liane Chircop li f'dak l-istadju ma kienux ser ikomplu l-proġett.

Evan Camilleri fl-affidavit tiegħu jgħid:

*".. dan il-każ proprju għaliex min-naħa tagħna aħna konna żviluppajna s-sistema neċessarja għas-sit elettroniku, iżda billi bqajna ma smajna xejn għal diversi snin fir-rigward tal-informazzjoni li konna tlabna mingħand Raycop, is-sit ma setax imur live minkejja li kien*

*kompletat. Dan ġara biss għaliex Raycop baqgħu ma daħħlux kontenut li kien neċessarju għal dan is-sit u għall-ebda raġuni oħra".*

Madanakollu dan ma jirriżultax mill-komunikazzjoni u jekk dan kien minnu t-Tribunal ma jistax jifhem kif allura kif fis-sena 2021, Camilleri reġa kompla bil-komunikazzjoni mal-istess Chircop fir-rigward tal-istess *website* mingħajr ma semma xejn f'dan ir-rigward.

Għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jattribwixxi t-tort unikament lis-socjeta' attriċi jew lis-soċjetajiet konvenuti għal dan id-dewmin u dan għaliex mis-sena 2016 sal-aħħar tas-sena 2017, u mis-sena 2018 sas-sena 2021 ma sar l-ebda skambju mil-partijiet.

Dan it-Tribunal huwa Tribunal ta' ekwita', u jagħmel referenza għall-Artikolu 7 (1) tal-Kap 380 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *It-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skond l-ekwita':*
>
> *Iżda, f'kull każ, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skond il-Liġi.*

Issir referenza għall-appell fl-ismijiet ***Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**,* deċiż fit-23 ta' Jannar, 2004, fejn il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:[16]

> *Fir-rigward ta' ekwita' fis-sens litterali taghha t- Tribunal kif gja esprima ruhu drabi ohra fir-rigward jinghad li din tfisser:*
>
> *"Fairness, recourse to principles of justice to correct or supplement the Law; system of Law, coexisting with and superseding common Law and statute Law (Oxford Dictionary).*
>
> *Fil-kamp guridiku l-kelma ekwita' ghandha s-sens illi dan hu principju li ghandu jigi applikat mhux biex ifarrak il-Ligi, jew biex jissostitwixxi l-Ligi, izda biex jissupplimentaha fejn il-Ligi hi mankanti:*
>
> *"Now equity is no part of the law, but a moral virtue, which qualifies, moderates, and reforms the rigour, hardness and edge of the law, and is an universal truth; it does also assist the law where it is defective and weak in the constitution, and defends the law from crafty evasions, delusions, and new subtilties, invented and contrived to evade and delude the common law, whereby such as have undoubted right are made remediless; and this is the office of equity, to support and protect the common law from shifts and crafty contrivances against the justice of the law. Equity therefore does not destroy the law, nor create it, but assist it" (Dudley [Lord] vs Dudley [Lady] [1705] ).*
>
> *Ghandu jinghad ukoll li:*

[16] Appell Civili Nru: 643/2001/1; Onor. Imhallef Philip Sciberras.

*""Equity follows the law" and in cases where the legal analogy clearly applied, the rule of law was adopted, however harsh it might be."*

*Kif ukoll li:*

*"Equity is co-relative and co-existensive with law " (Sources of English Legal History 1750 – 1950 – A.H. Manchester. P. 121)*

*Il-kuncett tal-ekwita' zviluppa matul is-sekli, pero' sa minn zmien Aristotile l-bazi ta' l-ekwita' kienet dik ta' korp ta' regoli li jissupplixxu fejn il-Ligi hija mankanti:*

*"Aristotle explains how appeals to equity may be best made by an advocate pleading in the courts, and relates it to the "unwritten" law regarded as underlying an supplying the deficiencies of the body of enacted law" (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)*

*Dak li hu ekwu huwa gust:*

*"....... While we sometimes praise what is equitable and the equitable man, ....... at other times, when we reason it out, it seems strange if the equitable, being something different from the just, is yet praiseworthy; for either the just or the equitable is not good, if they are different; or, if both are good, they are the same." (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)*

*U jkompli jghid:*

*"..... for the equitable, though it is better than one kind of justice, yet it is just, and it is not as being a different class of thing that it is better than the just. The same thing, then, is just and equitable, and while both are good the equitable is superior. What creates the problem is that the equitable is just, but not the legally just but a correction of legal justice. The reason is that all law is universal but about some things it is not possible to make a universal statement which shall be correct. In those cases, then, in which it is necessary to speak universally, but not possible to do so correctly, the law takes the usual case, though it is not ignorant of the possibility of error. And it is none the less correct; for the error is not in the law nor in the legislator but in the nature of the thing, since the matter of practical affairs is of this kind from the start. When the law speaks universally, then, and a case arises on it which is not covered by the universal statement, then it is right, where the legislator fails us and has erred by over-simplicity, to correct the omission - to say what the legislator himself would have said had he been present, and would have put into his law if he had known. Hence the equitable is just, and better than one kind of justice – not better than absolute justice, but better than the error that arises from the absoluteness of the statement. And this is the nature of the equitable, a correction of the law owing to its universality." (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)*

*Dak li hu ekwu necessarjament huwa gust, u l-ekwita` hi propju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. L-istess awtur ikompli jghid:*

*"it is plain what the equitable is, and that it is just and is better than one kind of justice. It is also evident from this who the equitable man is; the man who chooses and does such acts, and is no stickler for his rights in a bad sense but tends to take less than his share though he has the law on his side, is equitable, and state of character is equity, which is a sort of justice and not a different state of character."*

*Sir Henry Maine isemmi tlett strumentalizzazzjonijiet li jservu biex igibu aktar qrib ta' xulxin l-interessi tas- socjeta' kif distinti minn dawk tal-ligi; u cioe' "Legal Fictions, Equity, and Legislation" u jitlaq b'din il-premessa:*

*"...Law is stable; the societies we are speaking of are progressive. The greater or less happiness of a people depends on the degree of promptitude with which the gulf is narrowed."*

*Filwaqt li Lord Denning juri l-preokkupazzjoni tieghu fuq dak li qal Maine fuq it-tlett strumentalizzazzjonijiet: "If they are exhausted where is a new means to be found?" u jispicca jghid:*

*"The law as I see it has two great objects: to preserve order, and to do justice; and the two do not always coincide. Those whose training lies towards order, put certainty before justice; whereas those whose training lies towards the redress of grievances, put justice before certainty. The right solution lies in keeping the proper balance between the two."*

*Tenut kont ta' dan kollu, it-tifsira li ghandha tinghata lill- kelma "ekwita`", u aktar tenut kont tal-kliem "skond il-Ligi" illi jinsab ghall xi raguni allaccat mal-kelma "ekwita'" fl- Artikolu 7 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fehma tat-Tribunal ghandu jigi interpretat fis-sens li l-ekwita` ghandha ssegwi l-Ligi, u ghandha ukoll pero` il-funzjoni specjali li din tissuplimentaha fejn din hi nieqsa, billi taghti rimedju fejn hemm ir-raguni, u b'mod li ssir gustizzja ma' dak li jkun.*

Jirriżulta li xi xogħol min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti saru sabiex tiġi kkreata il-*website* li talbet is-soċjeta' attriċi madanakollu ma jirriżultax li din il-*website* tiffunzjona hekk kif ġie kkoroborat minn Evan Camilleri nnifsu. Għalkemm min-naħa tas-soċjeta' attriċi tħallas biss id-depożitu u dan għaliex il-bilanċ rimanenti ma kienx hemm talba għalih mis-soċjetajiet konvenuti, it-Tribunal ma huwiex konvint li x-xogħol li sar min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti jirrifletti s-servizz sal-mument li ddeċidew li ma jkomplux bil-proġett.

Għaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attriċi limitatament fis-somma ta' ħames mija, ħamsa u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżimu (€545.75) rappreżentanti nofs id-depożitu mħallas mis-soċjeta' attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-vertenza billi filwaqt li jiċħad it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet, jilqa' limitatament it-talba attriċi fis-somma

ta' ħames mija, ħamsa u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżimu (€545.75) bl-imgħax jibda jiddekorri mil-21 ta' Diċembru, 2021[17] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' din il-vertenza, tal-ittra uffiċjali bin-numru 2690/2021 u tal-mandat ta' sekwestru jitħallsu nofs (1/2) mis-soċjeta' attriċi u nofs (1/2) mis-soċjetajiet konvenuti *in solidum*.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[17] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali skont it-Talba, a fol 47 tal-proċess